# BĦALL-GĦASFUR TAL-BEJT

Jien fqir, jien ħafi
Jien żgħir, Mulej,
bħall-għasfur tal-bejt.
Ħadd ma jaf bija,
ħadd ma jdur lejja,
jew jersaq ħdejja.
Int biss għalija,
Mulej:
quddiemek ninxteħet
għarkobbtejja
biex niġbor din il-warda
li waqgħet ħdejn riġlejk,
nersaq bil-qajla lejk
u nqegħidha ħlejju
bħal ċkejkna tmellisa
fuq musmar ta' salibek.
M'għandix ħaġ'oħra x'noffrilek
jien fqir bħal għasfur tal-bejt;
iżda x'ħin lejk intawwal idi
tħeġġeġ ġo fija l-fidi
u nħoss mill-ġdid il-ġibda
lejn in-nies l-oħra, ġibda li kont insejt x'inhi
fl-imrar tal-ħajja tiegħi
li jimxi dejjem miegħi
bħal dell.
jien fqir bħall-għasfur tal-bejt;
bħall-għasfur tal-bejt,
bħall-għasfur tal-bejt
issa jien ħafi.

**ALBERT M. CASSOLA.**